



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

14.12.2009

0068/2009

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħolqien ta' qafas omoġenju għas-servizzi tan-numru ta' emerġenza 112

**Willy Meyer, Ilda Figueiredo, João Ferreira**

Data ta' skadenza: 25.3.2010

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħolqien ta' qafas omoġenju għas-servizzi tan-numru ta' emerġenza 112**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni bil-miktub 0044/2007 dwar in-numru tat-telefon ta' emerġenza Ewropew 112 tal-25 ta' Settembru 2007,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. Billi jqis l-importanza tan-numru tat-telefon uniku ta' emerġenza 112 bħala servizz pubbliku essenzjali biex ikun garantit il-benessri soċjali taċ-ċittadini,
  - B. Billi hu konxju min-nuqqas attwali ta' dan is-servizz,
    1. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jutilizzaw ir-riżorsi neċċesarji biex jinvolvu b'mod dirett lill-amministrazzjonijiet fil-ġestjoni ta' dan is-servizz,
    2. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jinkoraġġixxu n-negożjati kollettivi li jagħmluha possibbli li jkun hemm politika xierqa ta' taħrifg tal-persunal, li huwa element ċentrali tas-servizz,
    3. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex javvanzaw fit-titjib tad-Direttiva 98/10/KE u biex iżidu l-koordinazzjoni interstatali u l-omologazzjoni tal-professjonisti permezz tal-ħolqien ta' qafas omoġenju għas-servizzi li tan-numru ta' emerġenza 112,
    4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.